# L-Għoxrin Ħadd
# taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Lil ulied il-frustier inwassalhom sal-muntanja mqaddsa tiegħi.*

Is 56, 1.6-7

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

Dan jgħid il-Mulej:
1 «Żommu s-sewwa u agħmlu l-ġustizzja,
għax is-salvazzjoni tiegħi għoddha waslet,
u l-ġustizzja tiegħi dalwaqt tfeġġ.

6 Ulied il-frustier li ntrabtu mal-Mulej biex jaqduh,
u biex iħobbu isem il-Mulej,
u jkunu qaddejja tiegħu,
kull min iħares is-Sibt u ma jiksrux
u jżomm sħiħ fil-patt tiegħi,
7 lil dawn inwassalhom sal-muntanja mqaddsa tiegħi,
u nferraħhom f'dar it-talb tiegħi.

Il-vittmi maħruqa u s-sagrifiċċji tagħhom
ikunu jogħġbuni telgħin minn fuq l-artal tiegħi,
għax dari dar it-talb tissejjaħ għall-popli kollha.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 66 (67), 2-3.5.6.8

R/. (4): Ifaħħruk il-popli kollha, o Alla

2 Iħenn għalina Alla, u jberikna;
idawwar għal fuqna d-dija ta' wiċċu!
3 Biex jingħarfu fuq l-art triqatek,
fost il-ġnus kollha s-salvazzjoni tiegħek. R/.

5 Jithennew il-ġnus u jgħannu bil-ferħ,
għax trieġi l-popli bis-sewwa,
u l-ġnus fuq l-art inti tmexxihom. R/.

6 Ifaħħruk il-popli, o Alla,
ifaħħruk il-popli kollha.
8 Iberikna Alla, u tibża' minnu
l-art kollha minn tarf għall-ieħor! R/.

# Qari II

*Alla ma jreġġax lura d-doni u s-sejħa li ta lil Iżrael.*

Rum 11, 13-15.29-32

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani**

Ħuti, [13]issa ngħid lilkom, il-pagani. Sakemm jiena appostlu
tal-pagani nibqa' nagħmel ġieħ lill-ministeru tiegħi, [14]bit-tama li
nqajjem l-għira ta' ġensi u hekk insalva lil xi wħud minnhom. [15]Għax
jekk it-tkeċċija tagħhom ġiebet il-ħbiberija tad-dinja ma' Alla, l-ilqugħ
tagħhom mill-ġdid xi jkun ifisser, jekk mhux ħajja mill-imwiet?

[29]Alla ma jreġġax lura d-doni u s-sejħa tiegħu. [30]Bħalma fl-imgħoddi
intom ma kontux tobdu lil Alla, imma issa sibtu l-ħniena tiegħu
minħabba d-diżubbidjenza tagħhom; [31]hekk huma wkoll m'humiex
jobduh minħabba l-ħniena li sibtu intom mingħandu, ħalli issa huma
wkoll isibu l-ħniena.

[32]Għax Alla ħalla 'l kulħadd fil-jasar tad-diżubbidjenza, biex jagħmel
ħniena ma' kulħadd.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Mt 4, 23

Hallelujah. R/. Hallelujah
Ġesù dar il-Galilija kollha jgħallem fis-sinagogi tagħhom,
ixandar l-Evanġelju tas-Saltna
u jfejjaq kull xorta ta' mard u dgħufija fost il-poplu.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Mara, il-fidi tiegħek kbira.*

Mt 15, 21-28

**✠ Qari mill-Evanġelju skond San Mattew**

F'dak iż-żmien, 21Ġesù telaq lejn Tir u Sidon. 22U ħarġet waħda mara
Kangħanija minn dawk l-inħawi, u qabdet tgħajjat u tgħid: «Ħenn
għalija, Mulej, Bin David; binti għandha fiha xitan, u magħdura
ħafna!» 23Iżda hu ma weġibhiex kelma. Resqu lejh id-dixxipli tiegħu,
jitolbuh u jgħidulu: «Eħles minnha, għax ġejja tgħajjat warajna.»
24Imma hu qalilhom: «Ma ġejtx mibgħut ħlief għan-nagħaġ li ntilfu
mid-dar ta' Iżrael.»

25Iżda hi resqet, inxteħtet quddiemu u qaltlu: «Għinni Mulej!» 26Hu
weġibha: «Mhux sewwa tieħu l-ħobż ta' l-ulied u tixħtu lill-ġriewi.»
27«Hekk hu, Mulej – qaltlu – iżda l-ġriewi wkoll jieklu l-frak li jaqa'
minn fuq il-mejda ta' sidienhom!»

28Imbagħad wieġeb Ġesù u qalilha: «Mara, il-fidi tiegħek kbira! Ħa
jsirlek kif tixtieq.» U minn dak il-ħin stess bintha fieqet.

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Tifħir lilek Kristu